# ĠAB L-APPOSTLU PAWLU L-FIDI KATTOLIKA F'MALTA JEW IL-FIDI KRISTJANA?

**George Ebejer**

Jintqal mill-Knisja Kattolika Rumana f'Malta li l-appostlu Pawlu ġab il-fidi Kristjana f'Malta li l-maġġoranza jipprofessaw. Intqal ukoll li l-poplu Malti huwa l-werriet ta' dak li ġabilna San Pawl. Imma dan hu żbaljat għal kollox. L-appostlu Pawlu żgur li ma ġabx il-Kattoliċiżmu f'Malta. Li xi ħadd jakkuża lil Pawlu li kien hu li ġab tagħlim li ma nsibuħx fil-Kelma ta' Alla huwa lil dan ikun qiegħed jakkuża lil l-Ispirtu s-Santu bħala li għallem tagħlim żbaljat u li jmur kontra l-Kelma ta' Alla!

Pawlu jgħidilna fl-Ewwel Ittra tiegħu lit-Tessalonikin: "[13]*Għalhekk aħna wkoll niżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-Kelma t'Alla, li intom smajtu minn għandna, ilqajtuha* ***mhux bħala kelma tal-bniedem, iżda bħala Kelma ta' Alla, kif tassew hi****: dik il-Kelma li qiegħda taħdem fikom li emmintu*" (1 Tessalonikin 2:13).

Pawlu jgħidilna wkoll: "[11]*Dan ngħarrafkom, ħuti: l-evanġelju li ħabbartilkom jiena mhuwiex Evanġelju tal-bnedmin.* [12]*Għaliex jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu,* ***imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu***" (Galatin 1:11-12).

Mela dak kollu li Pawlu jgħid huwa l-kliem ta' Alla, il-kliem ta' Ġesù Kristu.

Issa ħalli naraw xi ħwejjeġ li għallem l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu u jekk dawn jablux ma' dak li tgħallem il-Knisja Kattolika Rumana f'Malta jew le!

Ġab Pawlu f'Malta "*l-idolatrija*"? Kulħadd jaf dwar l-istatwi reliġjużi li jinsabu fil-knejjes Kattoliċi Maltin u l-festi li jsiru dwar il-qaddis padrun ta' kull belt u raħal li hawn f'Malta.

Kulħadd jaf dwar il-piki u l-ġlied u l-paganiżmu li jidher waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-festi! Imma ħalli naraw x'għallem u x'jgħallem l-appostlu Pawlu ***b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu*** dwar dan!

**Għallem l-appostlu Pawlu dawn l-affarijiet li se nsemmi taħt, u li huma mgħallma f'Malta?**

1. **Pawlu jgħid,**

   * a. <u>**2 Timotju 4:3-4**</u> – "[3]*Għax għad jiġi żmien* ***meta ma jaħmlux it-tagħlim it-tajjeb; imma skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u b'widnejhom jikluhom, jiġimgħu għalihom għalliema;*** [4]***U jdawru widnejhom mill-verità, u jduru għall-ħrejjef.***"

   b. Mhuwiex dan dak li aħna qegħdin naraw lin-nies qegħdin jagħmlu llum, speċjalment fil-Knisja Kattolika Rumana?

   ċ. Kull ma wieħed għandu jagħmel fiż-żmien tas-sajf huwa li jmur fl-ibliet u fl-irħula tagħna u jara l-festi fejn in-nies jiċċelebraw il-festa tal-qaddis padrun tagħhom u jara dak li Pawlu jgħid fl-azzjoni.

   d. In-nies "***ma jaħmlux it-tagħlim it-tajjeb; imma skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u b'widnejhom jikluhom, jiġimgħu għalihom għal-liema;*** [4]***U jdawru widnejhom mill-verità, u jduru għall-ħrejjef.***"

   e. Xi eżempji fejn aħna nsibu piki qawwija bejn partiti reliġjużi fl-ibliet u fl-irħula jinsabu f'Żabbar, Żurrieq, Birgu, Kalkara, Għaxaq, Qormi, eċċ.

2. **Nibda bl-iskandlu u d-dagħwa li smajna dan xi żmien ilu dwar li l-Vatikan qal li l-evoluzzjoni hija kompatibbli mal-Bibbja. X'QAL Pawlu dwar dan?**

   a. <u>**Rumani 1:20**</u> – "[20]*Għax il-ħwejjeġ li ma jidhrux tiegħu, is-setgħa eterna tiegħu, u d-divinità,* ***billi kienu sa mill-bidu tal-ħolqien tad-dinja*** *ma-għrufin mill-ħwejjeġ li saru, jidhru ċari, għalhekk m'għandhomx skuża.*"

b. <u>1 Korintin 15:47</u> – “[47]*L-ewwel bniedem* ***kien mit-trab ta' l-art****: it-tieni bniedem mis-sema.*”

ċ. <u>2 Korintin 5:1</u> – “[1]*Aħna nafu li jekk din it-tinda li hija* ***d-dar tagħna ta' l-art*** *tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl'idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema.*”

**Għaliex Pawlu qal dan? Għaliex jintqal:**

e. <u>Ġenesi 2:7</u> – “[7]*U Jaħweh Alla sawwar lill-bniedem* ***bit-trab ta' l-art****, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja.*”

f. <u>Ġenesi 3:19</u> – “[19]*B'għaraq wiċċek tiekol il-ħobż, sakemm tarġa' tmur lejn l-art: għax minnha kont meħud:* ***Għax trab int****, u fit-trab terġa' tmur.*”

ġ. <u>Ekkleżjażti 12:7</u> – “[7]*U* ***t-trab jerġa' jmur fl-art mnejn ġie****, u l-ispirtu jitlaq lejn Alla, minn fejn ġie.*”

3. **X'qal Pawlu dwar l-ewwel raġel, Adam?**

a. <u>1 Korintin 15:45</u> – “[45]*U hekk hu miktub:* ***L-ewwel bniedem Adam*** *sar ruħ ħajja; l-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja.*”

b. Illum qegħdin igħallmu li Adam ma kienx raġel wieħed imma grupp ta' nies!

ċ. Li kieku kien hekk, Pawlu kien igħid, “*:* ***L-ewwel <u>grupp</u> Adam*** *sar ruħ ħajja; l-aħħar* ***<u>grupp</u>*** *(Adam) spirtu li jagħti l-ħajja.*”

4. **Għallem Pawlu dwar li jkollna ismijiet differenti bħal Franġiskani, Dumnikani, Pawlini, Tereżjani, Ġiżwiti, eċċ., jew huwa ikkundanna ismijiet settarji bħal dawn?**

a. <u>1 Korintin 1:10-13</u> – “[10]*Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li lkoll titkellmu l-istess ħaġa, u li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed.* [11]*Għax għarrfuni fuqkom, ħuti, dawk tad-dar ta' Kloe, li hemm il-ġlied bejnietkom.* [12]*Issa dan ngħid,* ***li kull wieħed minnkom igħid: Jien ta' <u>Pawlu</u>; u jien ta' Apollo; u jien ta' Kefa; u jien ta' Kristu.*** [13]***Jaqaw Kristu mifrud?*** *Jaqaw Pawlu kien imsallab għalikom? Jew f'isem Pawlu kontu mgħammdin?* (Ara wkoll 3:1-5).

5. **Alla ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn?**

a. <u>Atti 17:22-31</u> – “[22]*Mbagħad Pawlu, wieqaf f'nofs l-Arjopagu, qabad jitkellem: “Rġiel ta' Ateni, qiegħed nara li intom f'kollox nies mill-aktar reliġjużi.* [23]*Jien u għaddej u nħares lejn ix-xbihat qaddisa tal-qima tagħkom, sibt ukoll artal b'din il-kitba fuqu, 'Lil Alla Mhux Magħruf.' Għalhekk, dak li intom tqimuh bla ma tagħrfuh, nħabbarhulkom jien.* [24]*Alla li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art,* ***ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn*** [25]*bħallikieku kienet tonqsu xi ħaġa, hu, li jagħti lil kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox.* [26]*Minn wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha, u qassmilhom bil-qjies iż-żminijiet u t-truf ta' l-art fejn għandhom jgħammru;* [27]*u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħossuh b'idejhom u jsibuh; u tassew, hu m'huwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna.* [28]*Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna; u, kif qalu xi wħud mill-poeti tagħkom, 'Aħna tassew nisel tiegħu.'* [29]*Mela ladarba aħna nisel ta' Alla,* ***ma għandniex naħsbu lid-divinità tixbah lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem.*** [30]***Alla għalaq għaj-nejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarraf-hom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu.*** [31]*Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajjmu mill-imwiet.*”

b. Għaliex Alla ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn?

ċ. Għaliex issa "*aħna t-tempju ta' Alla*" (1 Korintin 3:16; 6:19). Alla jgħammar fina u mhux f'bini tal-ġebel!

**6. Għallem Pawlu "magħmudija bit-tibxix"?**

a. Kolossin 2:12 – "[12]***Midfunin miegħu fil-magħmudija**, li fiha intom ukoll **qomtu miegħu permezz tal-fidi** fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet.*" (Ara wkoll **Ruman 6:3-5**).

**7. Għallem Pawlu li hemm ŻEWĠT IRJUS tal-knisja, waħda fiżika (il-papa) u l-oħra spiritwali (Kristu)?**

a. Efesin 1:22-23 – "*[22]U qiegħed il-ħwejjeġ kollha taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, **biex ikun ir-ras tal-knisja**. [23]Li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox.*"

b. Kolossin 1:18 – "*[18]U **hu r-ras** tal-ġisem, il-knisja: hu l-bidu, l-ewwel mill-imwiet; biex f'kollox ikun l-ewwel.*"

ċ. Efesin 4:4 – "*Ġisem **wieħed**,…*"

d. Jekk hemm ġisem "WIEĦED", jista' jkun hemm biss RAS WAĦDA!

**8. Għallem Pawlu li aħna nistgħu jkollna Evanġelju ieħor fil-forma tat-tradizzjoni, maġisteru, jew Katekiżmu.?**

a. Galatin 1:6-9 – "*[6]Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu **u dortu lejn Evanġelju ieħor, [7]mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor**, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u **jridu jaqilbu l-Evan-ġelju ta' Kristu. [8]Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut!** [9]Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: **jekk xi ħadd iħabbrilkom evanġelju ieħor għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!***"

**9. Għallem Pawlu li aħna issa nistgħu nkunu nafu lil Kristu skond il-ġisem billi nħarsu Lejh imsammar mas-salib jew fi statwa?**

a. 2 Korintin 5:16 – "*[16]Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. **Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk**.*"

**10. Għallem Pawlu li "*d-demm u l-laħam jistgħu jirtu s-saltna ta' Alla*"?**

a. 1 Korintin 15:50 – "*[50]Dan ngħidilkom, ħuti; id-demm u l-laħam **ma jistgħux** jirtu s-saltna ta' Alla; lanqas in-nuqqas ta' taħsir.*" (u dan jinkludi lil Marija, ukoll).

**11. Għallem Pawlu li mhux il-bnedmin KOLLHA jkunu mibdula?**

a. 1 Korintin 15:51 – "*[51]Ara, sa ngħidilkom misteru: Aħna mhux ilkoll norqdu, imma **lkoll nitbiddlu**.*" (u dan jinkludi lil Marija, ukoll).

b. Il-kumment fuq dan il-vers igħid fil-Bibbja Kattolika bl-Ingliż: "*We will all be changed:* the statement extends to all Christians, for Paul is not directly speaking about anyone else. Whether they have died before the end or happen still to be alive, all must be transformed." (New American Bible, Catholic Bible).

**12. Għallem Pawlu li Marija telgħet fis-sema?**

a. Efesin 4:10 – "*[10]**Dak li niżel huwa dak li tela' fuq is-smewwiet** kollha, biex jimla kollox.*"

b. Għaliex Pawlu qal dan? Għaliex hu kien jaf li: "*U **l-ebda bniedem** ma tala' fis-sema, **ħlief** dak li niżel mis-sema, **Bin il-bniedem** li hu fis-sema.*" (**Ġwanni 3:13**).

13. **Għallem Pawlu li aħna "nimxu bil-viżjoni" jew "*bil-fidi*"?**

a. <u>2 Korintin 5:6</u> – "*Għax aħna nimxu bil-fidi* ***mhux bil-viżjoni.***"

b. Aħna ma neħtiġux viżjonijiet jew dehriet jew statwi biex nemmnu.

ċ. <u>**Ġwanni 20:29**</u> – "*[29]Qallu Ġesù: għax rajtni, emmint:* ***imberkin dawk li ma rawx, u madankollu emmnu.***"

14. **Għallem Pawlu li aħna għandna jew neħtieġu li naċċettaw bħala verità, "viżjonijiet" jew "dehriet"?**

a. <u>**Kolossin 2:18**</u> – "*[18]Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta' l-umli u taparsi jqim lil l-anġli,* ***jimla rasu bil-viżjonijiet*** *u moħħu bil-frugħat ta' bniedem li hu.*"

b. <u>**2 Korintin 11:14**</u> – "*[14]Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl.*"

ċ. Tista' inti timmaġina jekk in-nies Kattoliċi Rumani jaraw *anġlu tad-dawl* f'viżjoni x'jagħmlu huma?

d. Taħseb int li huma jgħidu li dak kien Satana jew li huma jibdew jorganizzaw pellegrinaġġi għall-post fejn Satana deher forma ta' anġlu tad-dawl u jgħidu li kien xi qaddis?

15. **Għallem Pawlu li hemm aktar minn Medjatur wieħed?**

a. <u>**1 Timotju 2:15**</u> – "*[5]Għax hemm Alla wieħed, u* ***medjatur wieħed*** *bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Ġesù.*"

b. <u>**Lhud 8:6**</u> – "*[6]Imma issa qala' ministeru li hu wisq aktar eċċellenti, daqskemm ukoll* ***hu l-medjatur*** *ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar.*"

16. **Għallem Pawlu li "*qaddisin*" huma dawk magħmula hekk mill-bnedmin wara li huma jkunu mietu?**

a. <u>**1 Korintin 1:2**</u> – "*[2]Lill-knisja ta' Alla li hemm f'Korintu, lil dawk li huma* ***mqaddsin*** *fi Kristu Ġesù, imsejħin biex ikunu* ***qaddisin****, flimkien ma' dawk kollha li kullimkien isejħu l-isem ta' Ġesù Kristu Sidna, sew tagħhom u kemm tagħna:*"

b. <u>**Efesin 6:18**</u> – "*[18]B'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih f'kull żmien appuntat, u itolbu għall-ħtiġijiet* ***tal-qaddisin*** *kollha.*"

ċ. Mela *aħna* għandna nitolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin *u mhux* il-qaddisin jitolbu għalina!

d. <u>**Kolossin 3:12**</u> – "*[12]Ilbsu mela, bħala l-magħżulin ta' Alla,* ***qaddisin*** *u maħbubin, qalb ta' ħniena, it-tjieba, l-umiltà tal-moħħ, il-ħlewwa, is-sabar:*"

e. <u>**Atti 9:13**</u> – "*[13]Imbagħad Ħananija wieġeb: Mulej, jien smajt mingħand ħafna fuq dar-raġel, kemm għamel ħsara* ***lill-qaddisin*** *tiegħek f'Ġerusalem.*"

f. <u>**Atti 26:10**</u> – "*[10]Ħaġa li għamiltha wkoll Ġerusalemm: u* ***ħafna qaddisin għalaqt il-ħabs****, billi kont mogħti s-setgħa mill-qassisin il-kbar; u meta kienu jinqatlu, jien tajt il-vot tiegħi kontra tagħhom.*"

ġ Min kienu dawk il-"qaddisin" li Sawl għalaq fil-ħabs, ħajjin jew mejtin?

17. **Għallem Pawlu li Alla kellu "ommu."**

a. <u>**Efesin 4:6**</u> – "*[6]Alla wieħed* ***u Missier kulħadd****, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll.*"

18. **Għallem Pawlu li aħna nistgħu mmorru "*aktar milli hemm miktub*"?**

a. <u>1 Korintin 4:6</u> – "[6]*U dawn il-ħwejjeġ, ħuti, jien qiegħed ngħidhom f'tixbiha għalija u għal Apollos minħabba fikom; biex minna intom tit-għallmu x'jiġifieri: '**Mhux iktar milli hemm miktub, biex ħadd minn-kom ma jitkabbar għal wieħed kontra l-ieħor**.*"

19. **Għallem Pawlu li l-Mulej jista' jkun maqful fit-tabernaklu?**

a. <u>Atti 17:24-25</u> – "[24]*Alla li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, **ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn** [25]bħallikieku kienet tonqsu xi ħaġa, hu, li jagħti lil kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox.*

b. <u>2 Korintin 13:5</u> – "[5]*Għarblu lilkom infuskom jekk intomx fil-fidi; ġarrbu lilkom infuskom. Jew ma tafux intom li Kristu Ġesù **jinsab fikom**? Jekk imbagħad intom ma ħżintux għal l-aħħar!*"

ċ. **Rumani 8:10** – "[10]*U **jekk Kristu hu fikom**, il-ġisem hu mejjet minħabba d-dnub; iżda l-Ispirtu hu ħaj minħabba l-ġustizzja.*"

ċ. Għaliex, mela, l-Kattoliċi jgħidu li huma sejrin biex jirċievu lil Ġesù sag-ramentat meta jmorru jitqarbnu, jekk Ġesù ***diġa' qiegħed fina***? Sejrin aħna nirċevuh doppju?

d. Pawlu jgħid: "***Jew ma tafux intom***" u tassew li huma "ma jafux" jew ma jirrealizzawx li Ġesù Kristu jinsab u qiegħed fina għaliex kieku jafu ma jmorrux biex minalihom jirċevuh!

20. **Għallem Pawlu li "isqof" ma jistax ikun raġel miżżewweġ u li jkollu wliedu?**

a. <u>1 Timotju 3:2, 4</u> – "[2]*Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; **li jkun iżżewweġ darba biss**; li jkun meqjus, prudenti, serju; li jilqa' l-barranin, jaf jgħallem; [3]Li ma jkunx mogħti għax-xorb; li ma jkunx vjolenti, imma ġwejjed; li ma jkunx ġellied, anqas rgħib għall-flus; [4]Li jkun **raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu** fl-ubbidjenza bir-rispett kollu.*

b. <u>Titu 1:5-9</u> – "[5]*Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, biex tqiegħed fl-ordni dawk il-ħwejjeġ li huma difettużi, u biex taħtar irġiel anzjani [**presbiteri**] f'kull belt, skond ma ordnajtlek. [6]Kull min ikun maħtur ma għandu jkollu xejn x'wieħed igħid fih; **ikun iżżewweġ darba biss, u jkollu 'l uliedu jemmnu**, bla ma ħadd jista' jixlihom bi mġiba żienja jew bla rażan. [7]L-isqof, bħala amministratur ta' Alla, għandu jkun bniedem li ħadd ma jista' jgħid xejn fih: ma għandux ikun mimli bih innifsu, jinkorla malajr, mo-għti għax-xorb, ġellied jew rgħib; [8]Imma jkun bniedem li jilqa' 'l barra-nin, iħobb it-tajjeb, meqjus, ġust, qaddis, irżin; [9]Bniedem li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha, skond id-duttrina, biex ikun jista' jqawwi qalb l-oħrajn bid-duttrina sħiħa u jegħleb lil min imieri.*"

c. Kumment fil-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija: **Isqof**: bil-Grieg: **epis-kopos,** il-bniedem magħżul biex jieħu ħsieb il-komunità nistranija lokali, kienu jsejħulu wkoll, **presbuteros**, anzjan. M'hux **l-Isqof** kif nifhmuh aħna llum.

d. Mela, skond il-Kattoliċi stess, l-isqof tal-lum tal-Knisja Kattolika Rumana mhuwiex skond dak li għallem l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu (Galatin 1:11-12; 2 Timotju 3:16-17)!

21. **Għallem Pawlu li "djaknu"** ***ma jistax*** **ikun raġel miżżewweġ?**

a. <u>1 Timotju 3:12</u> – "[12]*Ħa jkunu d-djakni **l-irġiel ta' mara waħda**, u jmexxu tajjeb lil uliedhom u lil darhom.*"

b. Illum il-Knisja Kattolika biddlet it-tagħlim tagħha dwar id-djakni l-istess kif għamlet dwar il-Limbu!

22. **Għallem Pawlu biex aħna nippreżentaw lil Alla fi xbieha ta' raġel?**

a. <u>Rumani 1:21-23, 25, 32</u> – "[21]*Għaliex meta għarfu 'l Alla, ma igglorifikawhx bħal Alla, u lanqas ma raddew ħajr; iżda saru fiergħa fi ħsibijiethom, u qalbhom bla dehen iddalmet.* [22]*Fil-waqt li riduha ta' għorrief, saru boloh.* [23]***U bidlu l-glorja ta' Alla li ma jitħassarx fi xbieha magħmula bħal bniedem li jitħassar**, u ta' tjur, u ta' bhejjem b'erba' saqajn, u ta' bhejjem li jitkaxkru ….*[25]***Huma li bidlu l-verità ta' Alla f'gidba, u qiemu u qdew il-ħlieqa iżjed mill-Ħallieq,** li hu mbierek għal dejjem. Amen ….*[32]*Li għalkemm jafu l-ħaqq ta' Alla, li dawk li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ ħaqqhom il-mewt, mhux biss jagħmluhom, iżda jieħdu pjaċir b'dawk li jagħmluhom.*" (aqra versi 18-32).

b. Wieħed għandu biss imur il-Marsa biex jara l-istatwa tat-Trinità b'Alla l-Missier bħala raġel mortali xiħ.

ċ. Huwa jista' wkoll imur fil-knisja tal-Fgura u fuq l-artal maġġur jara l-istess, lil Alla bħala raġel uman xiħ.

d. Ukoll dan wieħed jista' jara fil-knisja ta' Bormla fejn wara l-artal maġġur hemm kwadru li fih Alla, bħala raġel xiħ, qiegħed jinkuruna lil Marija.

e. Ġab Pawlu "***gidba***" bħal din f'Malta?

**23. Għallimna Pawlu biex nieklu u nixorbu letteralment il-ġisem u d-demm ta' Kristu:**

a. <u>1 Korintian 11:23-26</u> – "[23]*Għax jien ħadt mingħand il-Mulej dak li jien ukoll tajtkom: Li l-Mulej Ġesù f'dak l-istess lejl li kien ittradut ħa l-ħobż:* [24]*U wara li radd il-ħajr, qasmu, u qal: Dan hu ġismi, li hu għalikom: agħmlu dan **b'tifkira** tiegħi.* [25]*Hekk ukoll qabad il-kalċi, wara li kiel, u qal: Dal-kalċi hu r-rabta l-ġdida f'demmi: agħmlu dan, kull darba li tixorbuh, **b'tifkira** tiegħi.* [26]*Għax kull darba li tieklu **dal-ħobż**, u tixorbu **dal-kalċi, tħabbru l-mewt il-Mulej sa ma jiġi**.*"

b. Skond l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, nieklu u nixorbu aħna l-ġisem u d-demm letterali ta' Kristu jew "**infakkruhom**"?

ċ. Pawlu jgħidilna li "*kull darba li tieklu **dal-ħobż***" mhux dan il-ġisem! Pawlu jgħidilna li "*kull darba li tixorbu **dan il-kalċi***" mhux dan id-demm! Pawlu jgħidilna li aħna "***nħabbru l-mewt il-Mulej <u>sa ma jiġi</u>***."

d. Aħna "*nħabbru*" l-mewt tal-Mulej" u mhux aħna "*nġibu* l-Mulej u nieklu ġismu u nixorbu demmu letteralment."

e. U Pawlu jgħidilna biex nagħmlu dan "**sa ma jiġi**." Aħna nafu li l-Mulej se jerġa' jiġi **letteralment** fit-tmiem taż-żminijiet.

f. Jekk aħna nġibuh kull jum letteralment u nikluh allura ma jkunx hemm bżonn li nerġgħu nirrepetu l-Ikla tal-Mulej għaliex Hu jkun *reġa' ġie* u Pawlu jgħidilna biex nagħmlu *t-tifkira* "**sa ma jiġi**."

**24. Għallimna Pawlu biex aħna naċċettaw b'għajnejna magħluqa dak li jgħidulna l-mexxejja reliġjużi tagħna?**

a. <u>1 Korintin 10:14</u> – "[15]*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem; **għarblu intom** kull ma ngħid.*"

b. Dan Pawlu qalu fi qbil ma' dak li jintqal dwar meta Pawlu u Sila kienu f'Berea fejn naqraw:

ċ. <u>Atti 17:11</u> – "[11]*Dawn kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika, billi laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, **u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dawk il-ħwejjeġ kinux hekk.***"

**25. Għallimna Pawlu li aħna ma nistgħux nifhmu l-Bibbja weħdina?**

a. 1 Korintin 1:17 – "[17]*Għax ma bagħatnix Kristu biex ingħammed, iżda biex inxandar l-evanġelju:* ***mhux b'għerf ta' kliem, biex is-salib ta' Kristu ma jisfax fix-xejn.***"

b. 1 Korintin 2:1-5 – "[1]*U jien, ħuti, meta ġejt għandkom,* ***ma ġejtx bi kliem għoli jew ta' għerf,*** *biex inħabbrilkom il-misteru ta' Alla.* [2]*Għax jien kont għamilt il-ħsieb li ma nkunx naf fostkom ħlief 'il Ġesù Kristu, u hu msallab.* [3]*U, jien kont magħkom b'dgħufija, u b'biża', u bi tregħid kbir.* [4]***U kliemi u l-predikar tiegħi ma kienx bil-kliem li jiġbed ta' għerf,*** *imma f'wiri ta' l-Ispirtu u tal-qawwa:* [5]***Biex il-fidi tagħkom ma tkunx fil-għerf tal-bnedmin,*** *iżda fil-qawwa ta' Alla.*"

26. **Għallem Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, li r-rwol tal-mara fil-knisja huwa li tqarben, titkellem waqt is-servizz tal-qima billi tqum taqra, eċċ., jew li dan ma tagħmlux għaliex dan *mhuwiex ir-rwol tagħha*?**

a. 1 Timotju 2:12 – "[12]*Jien ma nħallix mara tgħallem, lanqas ikollha setgħa fuq ir-raġel, imma toqgħod siekta.*"

b. Xi wħud ma joqgħodux għal dan u jinsew li dan qalu l-Ispirtu s-Santu. Kemm ir-raġel u kemm il-mara huma wlied Alla u **l-istess** f'għajnejn Alla (Galatin 3:26-29; 1 Korintin 7:3-4; 11:11; Efesin 5:31) *imma għan-dhom* ***rwoli differenti*** *fil-knisja mogħtija minn Alla*! (issa ara Atti 5:29).

27. **Għallimna Pawlu li mara għandha tattendi għal laqgħat tal-qima b'rasha mikxufa?**

a. 1 Korintin 11:5-13 – "[5]*Imma kull mara li titlob jew tipprofetizza,* ***b'rasha mikxufa,*** *tagħmel għajb lil rasha: għax hu l-istess ħaġa qisu kienet imqaxxra.* [6]*Għax jekk il-mara* ***ma tgħattix rasha,*** *ħa taqta' xagħarha wkoll: imma jekk hu għajb għall-mara li taqta' jew tqarweż xagħarha,* ***ħa tgħatti rasha.*** [7]*Għax ir-raġel tassew m'għandux igħatti rasu, billi hu x-xbieha u l-glorja ta' Alla: iżda l-mara l-glorja tar-raġel.* [8]*Għax ir-raġel mhux mill-mara; iżda l-mara mir-raġel.* [9]*U l-anqas ir-raġel ma kien maħluq għall-mara; iżda l-mara għar-raġel.* [10]*Minħabba f'hekk,* ***il-mara għandu jkollha fuq rasha sinjal ta' awtorità minħabba l-anġli.*** [11]*Madankollu, fil-Mulej, la r-raġel ma hu mingħajr il-mara, lanqas il-mara mingħajr ir-raġel.* [12]*Għax bħalma l-mara hi mir-raġel, hekk ukoll hu r-raġel mill-mara; iżda kollox minn Alla.* [13]*Iġġudikaw intom fikom infus-kom:* ***Jixraq li mara titlob 'l Alla mikxufa?***"

b. Dan il-Knisja Kattolika Rumana kienet tipprattikah sa xi snin ilu imma ħalliet l-opinjoni tan-nies timponi hi fuqha u neħħietu.

28. **Għallimna Pawlu li fil-qima għandna nużaw strumenti mekkaniċi tal-mużika?**

a. Efesin 5:19 – "[19]*Billi tgħidu wieħed lil ieħor salmi, innijiet u* ***għana spiritwali;*** *kantaw u* ***għamlu melodija minn qalbkom*** *lill-Mulej.*"

b. Kolossin 3:16-17 – "[16]*Ħa tgħammar fikom bil-kotra l-kelma ta' Kristu f'kull għerf; billi tgħallmu u twissu lil xulxin b'salmi****, u innijiet, u għan-jiet spiritwali, u tgħannu bil-grazzja f'qalbkom*** *lill-Mulej.* [17]*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.*"

ċ. 1 Korintin 14:15 – "[15]*X'inhu mela? Nitlob bl-ispirtu, u nitlob bil-moħħ ukoll. Jiena nagħmel melodija* ***bl-ispirtu.*** *Jiena nagħmel ukoll melodija* ***bl-ispirtu.***"

d. Dan ukoll il-Knisja Kattolika Rumana kienet tipprattikah, imma l-istess, ħalliet l-opinjonijiet tan-nies jiddeċiedu huma għaliha u mxiet mal-kurrent u daħħlet l-orgni u strumenti mekkaniċi oħra fil-qima! (Ara Riflessi, Vol. 12, Nr. 10, 1987, pp. 229-230).

**29. Għallem Pawlu meta ġie f'Malta li jkun hemm isqof wieħed għal Malta kollha?**

a. Titu 1:5 – "[5]*Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, **biex tqassam kollox bl-ordni**, u biex taħtar **presbiteri f'kull belt**, skond ma ordnajtlek.*"

b. Il-kumment fil-verżjoni tal-Bibbja ta' l-Għaqda Bibblika Maltija jgħid hekk dwar dan: …**presbuteros,** anzjan. Mhux l-**isqof** kif nifhmuh aħna llum."

ċ. Għaliex Mhux l-**isqof** kif nifhmuh aħna llum?

d. Filippin 1:1 – "[1]*Pawlu u Timotju, il-qaddejja ta' Ġesù Kristu, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù li hemm Filippi, **ma' l-isqfijiet** u d-djakni.*"

e. Kumment fil-verżjoni tal-Bibbja ta' l-Għaqda Bibblika Maltija jgħid hekk dwar dan: "**ma' l-isqfijiet tagħhom u d-djakni:** l-isqfijiet **episkopoi** kienu **mexxejja tal-knejjes lokali**; kienu jseħulhom ukoll **presbiteri**, anzjani; ara 1 Tim 3:1-8;"

f. Mela jafu li f'kull knisja **lokali** kien hemm **pluralità** ta' isqfijiet u mhux wieħed għall-pajjiż kollu!

**30. Għallimna Pawlu li aħna għandna nitolbu għall-mejtin?**

a. Rumani 2:16 – "[16]*Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq **mill-egħmil moħbi tal-bnedmin skond l-evanġelju** tiegħi permezz ta' Ġesù Kristu.*"

b. Rumani 14:12 – "[12]*Mela kull wieħed minna **jagħti kont lil Alla tiegħu nnifsu**.*"

ċ. 2 Korintin 5:10 – "[10]*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, **ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem**.*"

**31. Għallimna Pawlu li aħna għandna nżommu t-Testment il-Qadim ukoll bħala li japplika għalina llum?**

a. Galatin 3:7-10 – "[1]*Ja Galatin boloh, min saħħarkom, intom li quddiem għajnejkom Ġesù Kristu kien impinġi msallab? [2]Dan biss irrid naf minn għandkom: Ħadtu l-Ispirtu **bl-opri tal-liġi**, jew għax smajtu l-fidi? [3]Daqshekk intom boloh? Wara li bdejtu bl-Ispirtu, sirtu issa perfetti bil-ġisem? [4]Batejtu dak kollu għal xejn? jekk tassew għadu għal xejn. [5]Mela dak li jagħtikom l-Ispirtu, u jagħmel il-mirakli fostkom, jagħmel dan **bl-opri tal-liġi**, jew b'dak li smajtu fuq il-fidi? [6]Bħalma Abraham emmen f'Alla, u dan kien magħdud lilu bħala ħaqq. [7]Kunu afu mela, li dawk li jgħixu fil-fidi, dawk huma wlied Abraham. [8]U l-Iskrittura, li rat minn qabel li Alla kellu jiġġustifika l-Ġentili permezz tal-fidi, ħabbret minn qabel lil Abraham: 'Fik jitbierku l-ġnus kollha. [9]Hekk mela dawk li huma tal-fidi huma mberkin ma' Abraham li emmen. [10]Għax dawk kollha li jżommu ma' l-opri tal-liġi huma taħt is-saħta: għax hu miktub: **Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha. [11]Imma li l-ebda bniedem ma hu iġġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, il-ġust igħix bil-fidi.***"

b. Efesin 2:14-16 – "[14]*Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, [15]billi **ġarraf il-ħajt li kien jifridna**—il-mibegħda ta' bejnietna—u **ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha.** [16]Mit-tnejn, Lhud u Ġentili, ried b'hekk joħloq bih innifsu **bniedem wieħed**, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom.*"

ċ. Kolossin 2:14-17 – "[14]*Billi **ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.** [15]U wara li nażża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk*

*quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuq is-salib. [16]**Ħadd ma għandu jiġġudikakom** fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta' qamar ġdid, u fuq sibtijiet: [17]**Dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, imma r-realtà hija Kristu.**"*

32. **Għallimna Pawlu li aħna għandna noffru sagrifiċċju tal-Quddiesa fejn Kristu letteralment ikun offrut bħala vittma?**

   a. <u>Lhud 9:25-28</u> – "*[25]U daħal hemm **mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu** bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. [26]Għax kieku kien ikollu jbati ta' spiss mit-tisjis tad-dinja: iżda issa deher **darba** fl-aħħar taż-żminijiet biex iħassar id-dnub **bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu**. [27]U kif inhu miktub għall-bned-min li għandhom imutu **darba biss**, u wara dan isir il-ġudizzju, [28]**Hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss** biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa.*"

   b. <u>Lhud 10:10-15</u> – "*[10]Bis-saħħa ta' dir-rieda aħna tqaddisna bl-**offerta** tal-ġisem ta' Ġesù Kristu **darba għal dejjem**. [11]U kull qassis wieqaf kuljum iservi u joffri bosta drabi **l-istess sagrifiċċji**, li ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet: [12]Iżda dan, wara li **offra <u>sagrifiċċju wieħed</u> għad-dnubiet għal dejjem**, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin ta' Alla: [13]Minn fejn qiegħed jistenna sama l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu b'mirfes taħt riġlejh. [14]Għax hu **b'offerta waħda** għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes. [15]U ta' dan hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu:…*"

   ċ. <u>Lhud 10:26</u> – "*[26]Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna, **ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir.***"

   d. <u>2 Korintin 5:16</u> – "*[16]Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. **Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk.***"

   e. Imma Għall-Kattoliċi Rumani hemm, **is-sagrifiċċju** tal-Quddiesa!

33. **Għallimna Pawlu biex insejħu lill-qassis Kattoliku bit-titlu ta' "Father" (f'sens spiritwali) u lill-papa Kattoliku Ruman bħala "Holy Father" (Missier Qaddis) u b'hekk kiser il-kmandament tal-Kelma ta' Alla?**

   a. <u>Efesin 4:6</u> – "*[6]Alla wieħed **u Missier <u>kulħadd</u>**, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll.*"

   b. <u>Mattew 23:9</u> – "*[9]U **ssejħu lil ħadd missierkom** [Father] fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom **wieħed hu**, dak li hu fis-smewwiet.*"

   ċ. <u>Ġwanni 17:11</u> – "*[11]U issa m'għadnix aktar fid-dinja, iżda huma għadhom fid-dinja, u jiena ġej għandek. **Missier Qaddis**, [Holy Father] ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna.*"

   d. <u>Salm 111:9</u> – "*[9]Bagħat jifdi lill-poplu tiegħu, waqqaf għal dejjem il-patt tiegħu. **Qaddis** [Holy] u tal-biża' (Reverendu) hu ismu!*"

   e. <u>Apokalissi 15:4</u> – "*[4]Min ma jweġġahx lilek, o Mulej, u min ma jigglorifkax ismek? **għax int waħdek qaddis**: [Holy] għax il-ġnus kollha jiġu u jqimu quddiemek; għax il-ġudizzji tiegħek huma magħrufa.*"

   f. Temmen int li Alla WAĦDU huwa l-MISSIER QADDIS [HOLY FATHER] tagħna?

   ġ. Ukoll l-appostlu Pietru ma jaqblix ma' li nsejħu lill-bniedem "Missier" (Father) f'sens spiritwali:

   g. <u>1 Pietru 1:17</u> – "*[17]Jekk **intom issejjħu Missier lil dak** li, bla ma jħares lejn l-uċuħ, jagħmel minn kulħadd skond l-għemil ta' kull wieħed, għixu fil-biża' ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu f'art barranija.*"

- għ. Kien hawn l-appostlu Pietru qiegħed jirreferi għalih innifsu jew għal Alla, **l-Misiser**? Il-Lhud ukoll ma kinux lesti li jsejħu lill xi bniedem "Missier" f'sens spiritwali:
- ħ. <u>Ġwanni 8:41-42</u> – "[41]*Intom tagħmlu l-għemejjel ta' missierkom. Imbagħad qalulu: Aħna ma twelidniex miż-żina;* ***aħna Misseri*** ***<u>wieħed</u>*** ***għandna, Alla.*** [42]*Qalilhom Ġesù: Kieku* ***Alla kien Missierkom****, kieku tħobbuni: għax jien mingħand Alla ħriġt uġejt; lanqas ma ġejt minn rajja, imma hu bagħatni.*"

**34. Żgur li l-appostlu Pawlu ma ġabx f'Malta t-tagħlim tas-sistema tas-saċerdozju tat-Testment il-Qadim imma għallem li din kienet mibudla u qabel ma l-appostlu Pietru li kull Kristjan huwa qassis.**

- a. <u>Lhud 7:12</u> – "[12]*Għax billi* ***tbiddel is-saċerdozju****, hemm il-bżonn ta'* ***tibdil*** *ukoll fil-liġi.*"
- b. <u>1 Pietru 2:5, 9</u> – "[5]*U* ***intom*** *[il-Kristjani kollha] ukoll, bħal ġebel ħaj, jinbnew f'dar spiritwali,* ***saċerdozju qaddis*** *biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu….* [9]*Imma* ***intom*** *ġens magħtur,* ***saċerdozju rjali****, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.*"

**35. Għallem l-appostlu Pawlu li barra minn Ġesù Kristu hemm xi ħadd ieħor li kien mingħajr l-ebda tebgħa tad-dnub?**

- a. <u>Rumani 3:10-13</u> – "[10]*Kif inhu miktub:* ***M'hemm ħadd tajjeb, le, lanqas wieħed:*** [11]***M'hemm ħadd*** *li jifhem; m'hemm ħadd li jfittex'l Alla.* [12]***Ilkoll*** *ħarġu mit-triq,* ***kollha kemm huma*** *ma jiswewx;* ***ħadd*** *m'hemm li jagħmel is-sewwa, le,* ***lanqas wieħed.***"
- b. <u>Rumani 5:12</u> – "[12]*Għalhekk, bħalma bi bniedem wieħed id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt bid-dnub; u hekk il-mewt għaddiet għal fuq kull bniedem,* ***għax kollha dinbu.***"
- ċ. <u>2 Korintin 5:21</u> – "[21]*Għax lil* ***dak [Kristu] li ma għaraf ebda dnub,*** *Alla għamlu biex ikun dnub għalina; biex aħna nsiru l-gustizzja ta' Alla fih.*"
- d. <u>Lhud 7:26</u> – "[26]*Għax kien jaqblilna jkollna qassis kbir bħal dan, li hu qaddis,* ***bla ħtija****, bla għajb,* ***mifrud mill-midinbin****, u mgħolli aktar 'il fuq mis-smewwiet.*"
- e. Imkien fl-Iskrittura Mqaddsa ma jintqal li xi persuna oħra kienet mingħajr dnub! IMKIEN! Pawlu u l-kittieba ispirati l-oħra kollha jgħidu li KRISTU biss kien mingħajr ebda dnub (Ġwanni 8:46; 1 Pietru 2:21; 1 Ġwanni 3:5).

**36. Għallem Pawlu li raġel u mara miżżewwġin ma jistgħux jużaw kontroll tat-twelid?**

- a. <u>1 Korintin 7:1-5</u> – "[1]*Issa fuq il-ħwejjeġ li ktibtuli: Tajjeb għal raġel li ma jmissx mara.* [2]*Madankollu, biex naħarbu l-fornikazzjoni, ħalli kull raġel ikollu 'l martu, u kull mara jkollha 'l żewgħa.* [3]*Ħa jagħti r-raġel lil martu dak li jisthoqqilha: u l-istess ukoll il-mara lil żewgħa.* [4]*Il-mara m'għandhiex awtorità fuq ġisimha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux awtorità fuq ġismu, iżda l-mara.* [5]***La tiċċaħdux minn xulxin, ħlief biss bi ftehim għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għas-sawm u t-talb; imbagħad tergħu għal flimkien, biex Satana ma jittantakomx minħabba li ma tkunux tifilħu żżommu.***"

37. **Jiena nista' nkompli nuri li l-appostlu Pawlu jgħallem ħwejjeġ li l-Knisja Kattolika Rumana ma tgħallimhomx imma dawn li rajna għandhom ikunu biżżejjed għal kull min hu tassew sinċier u jrid li *jobdi lil Alla aktar milli jobdi lill-bnedmin* (Atti 5:29).**

Mela, dawk li jippruvaw jgħidu li l-appostlu Pawlu ġab il-fidi f'Malta li l-Knisja Kattolika Rumana tipprattika u tgħallem, iridu jwieġbu għal dak kollu li aħna rajna fuq u juru li huma tassew qegħdin jippratikawh u jgħallmuh! Imma dan żgur li ma jistgħux jagħmluh!

Nittama li jagħtu widen bis-serjetà għal dak li jgħid l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni minn Alla u ma jibqgħux iwebbsu qalbhom imma jwarrbu dak it-tagħlim kollu li mhuwiex tassew kif għallem Pawlu.

<u>Atti 28:25-27</u> – "[25]*U billi ma qablux bejniethom, telqu, wara li Pawlu qal kelma waħda:* ***Tajjeb tkellem l-Ispirtu s-Santu*** *b'Isaija l-profeta lil missirijietna:* [26]*Li jgħid: Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx.* [27]***Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom.***'"

L-appostlu Pawlu jwissina: "[6]*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tiġi l-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.* [7]*Mela tissieħbu qatt magħhom!*" (**Efesin 5:6-7**).

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li jekk iħalli lil min iqarraq bih ikun diżubbidjenti għal Alla u jkun ifisser li għandu l-korla ta' Alla fuqu.

<u>Ġwanni 12:48</u> – "[48]*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu:* ***il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum.***"

<u>Efesin 4:12-16</u> – "[12]*Hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-ġisem ta' Kristu,* [13]*Sakemm aħna lkoll niksbu l-għaqda tal-fidi u* ***fil-għarfien preċiż*** *ta' l-Iben ta' Alla; insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu, fil-qjies ta' l-istatura tal-milja ta' Kristu,* [14]***Biex ma nkunux aktar trabi, mitfugħin 'l hawn u 'l hemm, u mkaxkra minn kull riħ ta' tagħlim bil-qerq tal-bnedmin u bl-ingann tagħhom biex iwasslu lil ħaddieħor fl-iżball.*** [15]***Imma waqt li nżommu l-verità*** *fl-imħabba nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu.* [16]*Fih il-ġisem kollu jsib ir-rabta u l-għaqda tiegħu permezz tal-għekiesi kollha li jservuh skond il-ħidma ta' kull waħda minnhom, biex jikber fih innifsu u jinbena fl-imħabba.*"